MALTA

# COURT OF MAGISTRATES (MALTA) AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE

## MAGISTRATE DR. DOREEN CLARKE

Sitting of the 22 nd November, 2012

Number. 608/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jessica Grima]**

**Vs**

**Alan Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 608/2010**

**Illum, 22 ta' Novembru, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra **Alan Agius,** bin Mark u Anna nee' Cutajar, imwieled Pieta', nhar l-14 ta' Jannar, 1981 u residenti fil-fond Velzam, Flat 2, Triq l-Alka, San Pawl il-

Bahar u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 53581(M).

Akkuzat talli fl-10 ta' Jannar, 2010 ghall-habta ta'18:40hrs gewwa Triq il-Mosta, San Pawl il-Bahar, saq vettura b'numru CBL 368

a. U b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ivica Marinkovic hekk kif iccertifika Dr.Thomas Armathys MD (2788) mill-MDH.
b. Kif ukoll saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a. 225, 226(1)(a) u 218(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta; u
c. 17 u 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jikkoncerna incident stradali li sehh nhar l-10 ta' Jannar 2010 ghall-habta ta' 18.40hrs fi Triq il-Mosta San Pawl il-Bahar. Dak in-nhar l-imputat kien qed isuq f'din l-imsemmija triq diehel San Pawl il-Bahar u ghalhekk kien qed isuq mal-karreggjata tax-xellug. Meta wasal hdejn l-istabbiliment Giormina, ftit qabel il-*pelican lights*, hass daqqa mal-vettura tieghu, waqqaf, hareg mill-vettura, mexa lura u ra persuna ma'l-art fil-karreggjata l-ohra u din il-persuna kellha demm ma' mohha; l-imputat innota ukoll

xi hasra fil-vettura b'mod partikolari fil-fanal, il-mudguard u l-mera tan-naha tal-lemin ta' quddiem. Din il-persuna li kien hemm ma'l-art qamet pero mill-ewwel rega' waqa' ma'l-art. Gie pruvat ampjament li fil-hin ta' l-incident l-vittma kellha livell gholi hafna ta' alcohol fid-demm (livell li jigi klassifikat bhala *alcohol poisoning*). Fil-fatt il-vittma, Ivica Marinkovic, kien qieghed ma' xi hbieb jara loghba football; jghid li xorob xi tnejn "drinks" u li meta sarlu l-hin telaq biex imur lejn daru. Hu kien qieghed f'xi post f'Triq il-Mosta San Pawl il-Bhar quddiem Giormina; hareg minn fejn kien u qasam; jiftakar li kien wasal sa nofs it-triq u mbghad xejn aktar ghaliex wara dan jiftakar li sab ruhu l-isptar.

Illi ghandu jinghad li kontestazzjoni dwar il-fatti ftit li xejn hemm. Taw id-depozizzjoni taghhom kemm Marinkovic kif ukoll l-imputat; mid-depozizzjoni taghhom l-unika punt ta' divergenza huwa minn fejn qasam Marinkovic.

Illi Marinkovic jghid li hu qasam minn fuq il-*pelican crossing*.

Illi l-imputat min-naha l-ohra qal li ezatt meta qabez l-Isphinx Pastizzerija u kien qieghed xi hamsin metru **qabel** il-lights li hemm hdejn Giormina, hass id-daqqa mal-vettura. Meta l-imputat mar fuq il-post ta' l-incident waqt l-access mizmum mill-espert nominat il-Perit Richard Aquilina indika lill-istess espert bhala l-punt ta' l-impatt il-post indikat b'sinjal "X" fil-pjanta redatta mill-istess espert; din l-X qeghda xi wiehed u ghoxrin metru **qabel** il-pelican crossing.

Illi waqt li kien qed jixhed u gie mitlub (mill-avukat tieghu stess) biex jindika l-punt ta'l-impatt fuq l-istess pjanta huwa indika post **wara** l-*pelican* crossing (tenut kont li huwa kien qed isuq fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar u mhux tal-Mosta). L-imputat indika ukoll il-post fejn spicca ma'l-art Marinkovic u anke il-hanut fejn huwa kien waqaf jixtri ftit qabel ma sehh l-incident. Huwa car (partikolarment meta wiehed iqis li l-hanut Pathfinders qieghed ma'l-istess bankina fejn hemm l-Isphinx

pastizzerija u Giormina) li l-imputat ma interpretax il-pjanta korrettement u li fixkel il-karreggjati.

Illi tenut kont li l-marka “X” fil-pjanta redatta mill-espert il-Perit Aquilina turi l-punt ta’ l-impatt li gie identifikat mill-imputat fuq il-post ta’ l-incident waqt l-access mizmum mill-imsemmi Perit il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tiehu dak bhala l-punt ta’ l-impatt li l-imputat verament rid jindika.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li bhala rizultat ta’ dan l-impatt l-imputat sofra *lacerated wound* fuq mohhu, u ksur f’idejh u saqajh tax-xellug. Huwa gie certifikat li qed isofri disabilita permanenti ta’ hmistax fil-mija. Ma jidhirx li hemm kontestazzjonji dwar in-natura tal-griehi li soffra Marinkovic.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’ l-Avukat Generali hija dik li ghamel offiza involontarja gravissima fuq il-persuna ta’ Ivica Marinkovic.

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li kull sewwieq ghandu l-obbligu li jzomm ‘l hekk imsejjah “*proper look out*”. Gie ritenut li

*Hu dover ta’ driver to see what is in plain view… u li min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout…*

*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one’s immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, **in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well**[1].[2]*

[1] Sottolinear ta’ din il-Qorti.
[2] Ref Pulizija vs Roderick Debattista Appell Kriminali deciz 26.05.2004.

Illi fil-kaz in ezami jirrizzulta li waqt li l-imputat kien ghaddej f'Triq il-Mosta waqaf biex jidhol jixtri f'hanut, rega' beda jsuq hass daqqa mal-vettura. L-imputat ma kienx jaf jispjega kif sehh l-impatt ghaliex hu insista li lil Marinkovic ma kienx rah f'l-ebda mument. Fi kliemu "*ifhimni, jien u gej lejn il-lights mohhni fil-lights ha nara kulur u hekk*"; l-imputat fil-fatt spjega wkoll li meta dak in-nhar ta' l-incident huwa ta l-verzjoni tieghu tal-fatti qal li Marinkovic qasam jigri mhux ghaliex huwa kien rah imma ghaliex xi hadd li kien fuq il-post qallu hekk.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-imputat, u b'mod partikolari minn dak il-bran hawn fuq kwotat, jidher car li l-imputat ma kienx qed jaghti kaz x'kien qed jigri fit-triq; hu kien ghadu kemm jaqla wara li waqaf jaghmel qadja u peress li ftit metri 'l hemm kien hemm pelican crossing huwa kien biss "*mohhni fil-lights ha nara l-kulur*" tant il ma rax lil Marinovic jaqsam it-triq u jilhaq jasal sa' nofsha. Huwa car li l-imputat naqas li jara dak li kien *in plain view*.

Illi mill-provi akkwizieti f'dan il-process ma jirrizultax b'liema velocita kien qed isuq l-imputat waqt li sehh l-incident pero fil-fehma tal-Qorti l-velocita bil-fors kienet wahda eccessiva tenut kont tal-lokalita. M'hemmx dubju li *speed jista jkun ecessiv anke jekk ma jiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument*[3]*.*

Illi mid-depozizzjoni ta' l-imputat jirrizulta li l-impatt sehh kwazi f'nofs tat-triq fis-sens li huwa kien qed isuq fil-karreggjata tieghu u lil Marinkovic laqtu bin-naha tal-lemin tal-vettura tieghu. Bhala rizultat ta' l-impatt, u dejjem skond l-imputat, Marinkovic spicca man-naha l-ohra tat-triq kwazi fuq il-bankina. In oltre ghalkemm l-imputat jghid li l-hsara fil-vettura kienet fil-fanal, fil-mudguard u l-mera, mir-rapport tal-pulizija (li mar fuq il-post ta' l-incident) jirrizulta li anke l-windscreen kellha hsara. Dan ifisser li bhala rizulta tal-forza ta'l-impatt, mhux biss giet ikkawzat hsara fejn sehh l-impatt inizjali, imma Marinkovic bil-fors ittajjar ghal fuq il-windscreen u mbaghad ghan-naha l-ohra

[3] Ref Pulizija vs Haden Vella Appell Kriminali deciz 12.07.2007.

tat-triq. Tenut kont ta' dan u tenut kont tan-natura tal-griehi li soffra Marinkovic l-impatt kien necessarjament wiehed qawwi li jindika certu velocita.

Illi f'dan ir-rigward wiehed ma jistax jinjora l-fatt li anke il-*pedestrian* ghandu l-obbligu tieghu meta jkun fit-triq u partikolarment meta jkun qed jaqsam it-triq; il-*pedestrian* ukoll irid josserva regoli basilari qabel ma jaqsam u jista' jkun li jekk huwa jkun negliegenti f'l-osservanza ta' dawn ir-regoli hu ukoll jkun jahti ghal xi sinistru stradali.

Illi gie ritenut hekk mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali:

*Huwa veru li anke l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza jiskolpa ruhu jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti ta'l-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut, u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subbetanea meta tirrikorri l-kolpa ta'l-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi ta'l-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi m'ghandhomx jipprezumu normalita perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali u jirregolaw il-velocita taghhom b'margini sufficjenti ta' sigurezza.*[4]

Illi l-istess Qorti ta'l-Appell Kriminlai rriteniet ukoll li

*… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghal responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet...*[5]

Illi ghalhekk in-negligenza tal-parte leza mhux necessarjament tezonera lill-imputat, li xorta ghandu jirrispondi ghall-agir tieghu jekk dan l-agir jikkostitwixxi vjolazzjoni li tkun il-kawza prossima tas-sinistru[6]. F'dan il-kaz, u cioe jekk tirrizulta in-negligenza kontirbutorja tal-

---

[4] Pulizija vs Haden Vella: deciza 12 ta' Lulju 2007
[5] Ref Pulizija vs Joseph Grech deciza 06.06.2003.
[6] Pulizija vs Christopher Siegersma: Appell Kriminali deciza 12 ta' Lulju 2007

parte leza, din in-negligenza kontributorja ghandha tittiehed in konsiderazzjoni biss fil-kalibrar tal-piena li ghandha tigi imposta fir-rigward ta' dik il-vjolazzjoni da parti ta'l-imputat.

Illi l-Qorti ghandha dubbji kemm seta' qasam b'giri Marinkovic ghaliex persuna li kienet ikkonsmat tant *alcohol* li kellha livell ta' *alcohol* fid-demm li jaqa taht definizzjoni ta' *alcohol poisoning* ma tantx tkun f'pozizzjoni li tigri b'mod li f'hakka t'ghajn sewwieq isibha ma' wiccu. Min-naha l-ohra l-Qorti lanqas m'ghandha dubbju li l-komportament ta' persuna li tkun ikkomsmat dik il-kwantita ta' *alcohol* ikollha komportament erratiku u li mhux necssarjament qasmet b'l-attenzjioni li wiehed jippretendi li taqsam. Konsegwentment il-Qorti taccetta li seta' kien hemm negligenza kontributorja da parti ta' Marinkovic pero din in-negligenza ma texonerax lill-imputat mir-responsabbilta tieghu li jsuq b'velocita addattata ghall-lokalita u ghall-hin u li jzomm *proper look out* u li jkun konxju ta' dak li qed jigri fit-triq mill-bankina ta' naha sal-bankina tan-naha l-ohra. Kieku l-imputat kien hekk konxju *il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet.*

Illi tenut tas-suepsost l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata. Ghal dak li jirrigwarda n-natura ta'l-offiza sofferta minn Marinkovic jirrizulta li huwa kellu *lacerated wound* fuq mohhu u li ghandu disabilita permanenti kif definita f'l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement ir-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat permezz ta' din l-ewwel imputazzjoni huwa dak prospettat f'l-artikolu 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik dwar sewqan traskurat, bla kont u perikoluz.

Illi x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa ukoll pacifiku f'l-ordinament gurikdiku taghna.

*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta'*

*sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan...* [7]

Illi tenut kont tal-velocita li kien ghaddej biha l-imputat u tal-fatt li huwa naqas li jara persuna li kienet lahqet qasmet nofs it-triq il-Qorti hija tal-fehma li dan is-sewqan jaqa taht definizzjoni ta' sewqan bla kont kif spjegat fis-sentenza hawn fuq kwotata. Konsegwentement it-tieni imputazzjoni tirrizulta pruvata in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat u bla kont.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Bla dubbju fattur importanti hafna huwa n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Il-Qorti trid necessarjament tiehu in konsiderazzjoni ukoll tal-fedina penali ta'l-imputat; fil-verita mhiex wahda allarmanti pero minnha tirrizulta kundanna ohra minhabba nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku. Fattur iehor importanti hafna fil-kaz in ezami huwa n-negligenza

[7] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

kontributorja tal-parte leza li kien f'sakra tali li lanqas biss kien jaf x'qieghed jaghmel. Dan il-fattur jinduci lill-Qorti biex izzomm il-piena vicin il-minimu aktar milli l-massimu permess mill-Ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal sewqan perikoluz u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 225 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferri ghal sewqan traskurat u bla kont u tikkundannah multa ta' sebgha' mitt Euro (€700) u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tiswalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' tlett xhur.

**< Final Judgement >**

---------------------------------END---------------------------------